**FIL-BORD LI JIRREGOLA L-KERA**

**MAGISTRAT DR JOSEPH CASSAR BA. LL.D.**

**Illum, 16 ta' Ottubru 2001**

**Rikors Nru: 169/98B**

**Thomas u Catherine konjugi Cauchi**

**Vs**

**Tarcisio u Vincenza konjugi Sultana**

Il-Bord,

Ra r-rikors fejn intqal mill-esponenti:

Illi huma proprjetarji tal-fond 36. St. Ursola Street, Valleta li jikru lill-intimat bil-kera ta' Lm16 fis-sena pagabbli kull sena bil-quddiem kull 15 ta' Ottubru.

Illi dan il-fond huwa fi stat perikoluz u dilapidat kif del resto gie deciz mill-kawza kriminali deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet: "Police vs Catherine Cauchi et" deciza fis-6 ta' Ottubru 1998 fejn l-istess rikorrenti giet liberata mill-obbligu li ssewwi u tirrepara dawn il-hasarat stante li dan kien responsabbilta' esklussiva tal-intimat.

Illi dawn il-hasarat ingenti li saru fil-fond saru b' tort tal-intimat u oltre l-fatt illi l-intimati ma wettqux il-kundizzjonijiet tal-kirja u biddlu d-destinazzjoni tal-fond peress illi m' ghandhomx juzawh bhala r-residenza ordinarja taghhom.

Illi in oltre l-intimat mhux qed jabita fil-fond aktar bhala r-residenza ordinarja tieghu u qed jghix "Cor Jesu", Triq San Pawl, San Pawl il-Bahar u dan kif jista' jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

Ghaldaqstant l-esponenti jitolbu bir-rispett lil dan l-Onorabbli Bord joghgbu jizgombra mill-fond 36 St. Ursola Street, Valletta lill-intimati taht dawk il-pattijiet u kundizzjonijiet li dan l-Onorabbli Bord jidhirlu xieraq u opportun.

Ra r-risposta ta' l-intimati:

1. Illi qabel xejn l-intimati jixtiequ jipprecisaw illi l-kera tal-fond de quo hi Lm16 fis-sena u mhux Lm32 fis-sena.

2. Illi jidher li l-ewwel paragrafu tar-rikors mhuwiex komplit.

3. Illi mhuwiex minnu illi l-esponenti u martu huma responsabbli ghall-hsarat imsemmija fir-rikors.

4. Illi oltre dan l-esponenti ma humiex obbligati li juzaw il-fond de quo bhala fond ta' abitazzjoni biss.

5. Illi ghalhekk it-talba tal-konjugi Cauchi ghandha tigi michuda.

Ra d-digriet tal-15 ta' gunju 1999 li bih gew mahtura periti teknici l-AIC Renato La Ferla u l-AIC David Pace.

Ra r-rapport ta' l-imsemmija periti.

Sema' x-xhieda bil-gurament;

Ra d-dokumenti esebiti;

Ra l-atti;

Ra l-verbal tat-12 ta' Lulju 2001;

Ikkunsidra,

1. Permezz ta' nota prezentata fit-12 ta' April 1999 l-intimati esebew id-dokument a fol 12 minn fejn jirrizulta li l-intimat fis-16 ta' Frar 1999 ta' c-cwievet tal-fond in kwistjoni lid-Dipartiment ta' l-Akkomodazzjoni Socjali. L-Ordni ta' Rekwizizzjoni kienet harget fit-3 ta' Jannar 1983 (ara fol 69). L-intimat kien ha 'flat' minghand l-Awtorita' tad-Djar u ghalhekk il-fond fejn kien joqghod gie rekwizizzjonat mid-Dipartiment ta' l-akkomodazzjoni Socjali. L-Awtorita' kienet tgharraf lid-dipartiment dwar ic-cwievet. Kien hemm xi kawza bejn l-intimat, l-kerrej u l-perit arkittett u ghahekk ic-cwievet ma inghatawx qabel. Meta harget ir-R.O. l-intimat kien qieghed fil-fond b' cens temporaneu (ara xhieda tad-Direttur tad-Dipartiment ta' l-Akkomodazzjoni Socjali. (fol 72-75)

2. Il-post ghandu rekwizizzjonat u d-Dipartiment ghaddieh lil certu Michael Vella.

3. Il-Bord jaghmel referenza shiha ghas-sentenza moghtija mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell in re Maria mart Anthony Brown et vs Giljan Abela' (Koll.Vol.LXXX – PT 2 – Sez 1 – P.425; 27/2/1996) fejn gie deciz li:

> "Waqt li m' hemmx dispozizzjoni li espressament tiddikjara lill-Bord li Jirregola l-Kera inkompetenti li jiehu konjizzjoni ta' talba ghal ripreza ta' fond rekwizizzjonat, l-effett tar-rekwizizzjoni jipprekludu lill-Bord milli biss jikkonsidra talba bhal dik u dan bhala konsegwenza tal-pussess vestit mill-ligi fl-Awtorita'; ghaliex ikun inutli u ozzjuz li l-Bord jippronunzja ruhhu fuq it-talba meta din it-talba ma tistax a priori tigi milqugha ghax l-intimat, le m' ghandux pussess, ma jistax jigi zgumbrat.
>
> Il-fatt li r-rekwizizzjoni ta' fond tkun ghada 'in vigore' jirrendi l-Bord li jirregola l-Kera inkompetenti li jiehu konjizzjoni ta' talba ghall-izgumbrament."

Ghalhekk il-Bord jiddikjara ruhhu inkompetenti li jiehu konjizzjoni tat-talba ghall-izgumbrament u ghahekk jastjeni milli jiehu aktar konjizzjoni tar-rikors. Minhabba l-punt legali involut, l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet

Dep.Reg Magistrat